**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 68/17AL

AB
vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u tlieta u disghin (1993), ara Dok. A anness u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u cioe` Monia li twieldet fis-sena 1994 u Josef li twieled fil-5 ta' Jannar 1997 ilkoll maggorenni (ara Dok. B u C).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Marco Farrugia nhar il-hmisitax (15) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (1996) (ara Dok. D) u dan skont digriet mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mahrug fil-5 ta' Settembru 1996 (Ara dok. E anness).

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba (4) snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara Dok. E anness klawsola 2), il-partijiet irrinunzjaw definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u jhallas is-somma ta' hames liri Maltin fil-gimgha ghal minuri.

Illi l-istess ulied illum huma maggorenni u ghandhom impjieg "full time" u ma jattendux edukazzjoni full time.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu 2017;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Settembru 1996;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.